

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

22.10.2007

B6-B6-0401/2007

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

impressqa wara l-mistoqsija bi tweġiba verbali B6-0377/2007

skond l-Artikolu 108 (5) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Luis Manuel Capoulas Santos, Bernadette Bourzai, María Isabel Salinas García, Katerina Batzeli u Rosa Miguélez Ramos

f'isem il-Grupp PSE

dwar l-għoli tal-prezzijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur

Riżoluzzjoni tal-Parlament ewropew dwar l-għoli tal-prezzijiet u l-protezzjoni tal-konsumatur

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-aħħar rapport ta' kull erba' xhur tal-FAO dwar "*il-perspettiva għall-ħsad u dwar is-sitwazzjoni ta' l-ikel*", kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Parlament għall-Jum Dinji ta' l-Ikel tas-16 ta' Ottubru 2007,
 - wara li kkunsidra r-rapport ta' l-OECD dwar il-bijofjuwils ppreżentata fl-ambitu tar-Round Table għall-Iżvilupp Sostenibbli f'Pariġi fil-11 u t-12 ta' Settembru 2007,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108, paragrafu 5 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-aħħar mewġa ta' żidiet fil-prezzijiet ta' l-ikel li, fost affarijiet oħra, hija marbuta maż-żieda fil-prezz tal-materja prima, maż-żieda tal-konsum madwar id-dinja (b'mod partikulari fiċ-Ċina u fl-Indja), mal-livell baxx ta' ħsad ta' l-uċuħ minħabba kundizzjonijiet ħżiena klimatiċi jew mat-tnaqqis ta' ħażniet u ma' l-ispekulazzjoni,
- B. billi fil-biċċa kbira ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea għad m'hemm xejn li jista' juri relazzjoni diretta u fuq perjodu twil bejn iż-żidiet tal-prezzijiet ta' ċerti prodotti u d-domanda għall-bijofjuwils, imma jeħtieġ li ma ninsewx pereżempju l-każ ta' l-Istati Uniti, fejn hemm inkorraġġiment ambizzjuż tal-produzzjoni tal-qamħirrun għall-bijofjuwils u li hemm attwalment influwenza diretta u magħrufa mill-OECD fuq iż-żieda tal-prezzijiet ta' prodotti alimentari,
- C. billi jqis l-importanza attwali tal-Politika Agrikola Komuni (CAP) bħala element ta' bilanċ fil-katina alimentari u li wieħed mill-irwoli prinċipali tagħha huwa li jiggarrantixxi s-sikurezza alimentari, id-dħul mill-agrikultura, il-produzzjoni ta' kwalità u l-ħarsien ta' l-ambjent,
- D. billi l-iżviluppi reċenti fil-CAP naqqsu bil-kbir il-mekkaniżmi għall-intervenzjoni f'dawn it-tip ta' sitwazzjonijiet,
- E. billi jikkunsidra l-irwol li għandhom il-katina kbar ta' distribuzzjoni u għadd żgħir ta' supermarkets fl-UE għall-iffissar tal-prezzijiet tal-konsumazzjoni u billi jinnota l-mod kif din id-domanda hija tant kkonċentrata hekk li tasal li tippretendi pożizzjoni domanti fin-neguzjati mal-produtturi,
- F. billi jikkunsidra, b'mod aktar konkret, li elementi ta' informazzjoni li nġabru mill-Unjoni kollha minn organizzazzjonijiet u assoċjazzjonijiet differenti jidher li qed jindikaw li s-supermarkets l-kbar qegħdin jabbużaw mis-saħħa ekonomika tagħhom biex iġieġhlu lill-produtturi u lill-fornituri (kemm li jinsabu fl-Unjoni, kif ukoll barra) jbaxxu l-prezzijiet tagħhom sa livelli li m'humieqx sostenibbli, u jimponulhom kundizzjonijiet iġusti,
- G. billi madankollu jqis li aħna ma nistgħux nillimitaw ruħna għal riflessjoni interna dwar il-

konsegwenzi tal-kriżi tal-prezzijiet fl-Ewropa, iżda, bil-kuntrarju, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-konsegwenzi taż-żieda dinjija fil-prezzijiet ta' materja prima agrikola fuq il-pajjiżi l-aktar fqar u b'mod partikulari fuq il-pajjiżi importaturi netti fil-livell dinji,

1. Jilqa' l-fatt, u jifraħ ukoll lill-Kummissjoni, rigward id-deċiżjoni reċenti li jitneħħa s-serħan tar-raba bħala miżura ta' rimedju u urġenti minħabba ż-żieda kbira fil-prezzijiet taċ-ċereali;
2. Jitlob b'urġenza lill-Kummissjoni li timplimenta aktar miżuri għal setturi oħra milqutin, bħalma huwa s-settur tal-produzzjoni tal-ħalib, biex tiġi ffaċċjata s-sitwazzjoni li ddeskrivejna rigward l-għoli tal-prezzijiet;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinnutaw l-effetti negattivi ta' din il-kriżi reċenti tal-prezzijiet fuq l-ekonomija tal-familji Ewropej u sabiex jitkejjel l-impatt reali fuq il-potenzjal għax-xiri taċ-ċittadini u biex dan jiġi kkunsidrat fl-implimentazzjoni ta' azzjoni konkreta jekk ikun meħtieġ;
4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex timpenja ruħha biex tippromwovi riflessjoni fil-fond dwar l-irwol ġejjieni tal-CAP b'mod ġenerali, imma wkoll dwar dak li tgħallimna mill-esperjenza tal-kriżi attwali rigward iż-żieda tal-prezzijiet ta' materja prima u ta' prodotti alimentari;
5. Jistqarr għalhekk li l-Health Check hija okkażjoni f'waqtha sabiex tiffoka wkoll fuq il-punt rigward il-kontribuzzjoni tal-CAP għall-bilanċ tal-katina alimentari għaliex, lil hinn mill-fenomeni reċenti taż-żieda tal-prezzijiet, wieħed jista' jinnota llum li d-differenza bejn il-prezz tal-produttur u l-prezz tal-konsumatur qiegħda dejjem tiżdied; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni sabiex tinkwadra dawn il-kunsiderazzjonijiet fid-dibattitu li jmiss rigward il-Health Check;
6. Jinnota li l-Kummissjoni Ewropea għandha tintervjeni sabiex ikun hemm aktar trasparenza fil-prattiki tal-kummerċ; għalhekk, jitlob li jinfetħu inkjesti (u jekk ikun meħtieġ, proċeduri kontra infrazzjonijiet quddiem il-Qorti Ewropea) fuq il-konsegwenzi tal-konċentrament tas-settur Ewropew tad-distribuzzjoni kbira, li minnu jbatu l-aktar il-produtturi żgħar, l-intrapriżi żgħar, il-ħaddiema u l-konsumaturi, u b'mod partikulari, li ssir evalwazzjoni ta' l-abbużi li jolqtu l-potenzjali għax-xiri li jista' jirriżultaw minn din il-konċentrazzjoni;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni tal-Parlament lill-Kummissjoni.